MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Numru. 261/2002

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cordina)
vs
Joseph Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Joseph Farrugia, detentur tal-karta ta' l-identita numru 399249 (M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli bejn l-1 ta' April 1999 u it-30 ta' Gunju 2001 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizuluzzjoni wahda; wara li fil-kapacita tieghu ta' Direttur tas-Socjeta' "Carmelo Farrugia Melfar Limited", approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' LM8426.84 migbura mis-socjeta' bhala dhul f'taxxa dovuta lil Gvern ta' Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-

professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu. Dan bi ksur ta’ l-Artkolu 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni volontarja ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-8 ta’ April, 2005.

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi issib lill-istess imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 18, 293, 294, u 310 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta hlief ghal xi ksur tar-regolamenti tat-traffiku, il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat ikkoppera ferm mieghu matul l-investigazzjoni, kif ukoll il-fatt illi giet prodotta xehda fis-sens illi l-imputat fuq imsemmi hallas l-ammont kollu dovut minnu lil VAT department u illum il-gurnata il-VAT department ma ghandu l-ebda pretenzjoni ulterjuri fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti tara li certament piena karcerarja ma tkunx indonea ghall-akkadut u jkun ferm aktar ta’ beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta’ in generali jekk l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u jkompli ghaddej fit-triq it-tajba illi jidher illi qabad. Ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tilliberah taghmel dan bil-kundizzjoni illi l-imputat ma jikkommetti l-ebda reat iehor fiz-zmien sentejn mil-lum.

Finalment ghal kull buon fini il-Qorti tiddikjara illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilita tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------